31991R0075

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 75/91
tal-11 ta' Jannar 1991
li jistabbilixxi l-proċeduri u l-kondizzjonijiet għad-disponiment ta' ross fil-fosdqa miżmum minn aġenziji ta' interventi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1806/89 [2], u b'mod partikolari Artikoli 5(5) u 8 (4) tiegħu,

Billi r-ross jista' jinxtara minn aġenzija ta' intervent jew b'intervent obbligatorju kif indikat f'Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 jew taħt miżuri speċjali ta' intervent kif indikat f'Artikolu 6 ta' dak ir-Regolament;

Billi, skond Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1424/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-intervent fis-suq tar-ross [3], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1908/87 [4], u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1425/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 dwar miżuri speċjali ta' intervent għar-ross [5], ross miżmum minn aġenziji ta' intervent għandu jsir disponiment minnu b'sejħa għall-offerti;

Billi għalbejgħ fis-suq tal-Komunità ta' kwantitajiet li jkunu anqas minn 1 000 tunnellata metrika deċiżjoni bl-użu ta' din il-proċedura mniżżla f'Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 mhix meħtieġa; billi d-dispożizzjonijiet l-oħra jibqgħu jkunu applikabbli;

Billi, skond Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 1424/76 id-disponiment fis-suq intern għandu jkun fuq il-bażi ta' kondizzjonijiet ta' prezzijiet li jipprevjenu d-deterjorament tas-suq; billi dak il-għan jista' jintlaħaq jekk il-prezz tal-bejgħ ikun daqsinsew għall-prezz ta' suq lokali waqt li jittieħed kont tal-kwalità offruta bl-offerti — mingħajr ma tkun anqas minn livell stabbilit fir-rigward tal-prezz ta' intervent; billi f'ċerti każijiet, l-osservanza ta' livell ta' prezz tista ma tkunx fl-interess ta' amministrazzjoni kif imiss tas-suq jew tas-sistema ta' intervent u tista' twassal għal tfixkil fit-tħaddim tal-organizzazzjoni komuni tas-suq; billi għandha għalhekk issir dispożizzjoni għad-disponiment ta' ħażniet ta' intervent b'kondizzjonijiet speċjali ta' prezzijiet f'dawk il-każi;

Billi d-disponiment ta' ross għall-esportazzjoni għandu jkun ibbażat fuq kondizzjonijiet ta' prezzijiet li għandhom ikunu stabbiliti f'kull każ fid-dawl tax-xejriet kurrenti u l-ħtiġijiet tas-suq; billi bejgħ bħal dak m'għandux, iwassal għal kummerċ deformat bi ħsara għall-esportazzjoni mis-suq miftuħ; billi prezz minimu ta' bejgħ għandu għaldaqstant ikun iffissat mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' offerti mitfugħa;

Billi l-prezz minimu tal-bejgħ għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni bl-użu tat-tagħrif kollu disponibbli fil-jum li fih jintefgħu l-offerti; billi, sabiex tiġi evitata spekulazzjoni u biex jiġu żgurati kondizzjonijiet identiċi għal dawk kollha kkonċernati, l-offerti kollha għandhom ikunu akkompanjati b'applikazzjoni għal-iffissar bil-quddiem tal-ħlas lura ta' esportazzjoni;

Billi offerti għall-lottijiet differenti huma komparabbli waħda mal-oħra biss meta huma għal ross f'sitwazzjonijiet identiċi; billi ross imqiegħed għall-offerti huwa maħżun f'postijiet differenti; billi paragun akbar jista jiġi żgurat billi jingħata lura lill-persuna li tirbaħ l-offerta l-anqas spejjeż ta' trasport bejn il-post fejn ir-ross in kwistjoni huwa maħżun u l-post ta' ħruġ; billi, madankollu, għalraġunijiet ta' estimi, għoti lura ta' flus bħal dak jista' jsir biss fir-rigward tal-post tal-ħruġ b'faċilitajiet għall-esportazzjoni tar-ross li jistgħu jintlaħqu bl-anqas spejjeż;

Billi, il-pożizzjoni tal-persuna li tkun rebħet l-offerta tkun tista' tesporta lejn kellha suċċess fl-għoti ta' offerti li jesporta lejn ċerti pajjiżi mhux membri, għandha ssir dispożizzjoni għat-tħassir tal-kuntratt ma l-aġenzija ta' intervent; billi din il-possibiltà hija, madankollu, ġustifikata biss fejn il-persuna li tirbaħ l-offerta tkun applikat għal liċenzja ta' esportazzjoni skond Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għal-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni u esportazzjoni u ċertifikati tal-iffissar bil-quddiem għall-prodotti agrikoli [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1599/90 [7];

Billi d-domanda fis-suq dinji hija għal ross fl-istadju tat-tħin minbarra dak li jkun fil-fosdqa u l-possibiltà għandha għaldaqstant tkun introdotta li jitpoġġa ross tal-fosdqa miżmum minn aġenziji ta' intervent għall-bejgħ fis-suq tal-Komunità għall-esportazzjoni fi stadju sussegwenti ta' tħin;

---

[1] ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
[2] ĠU L 177, tal-24.6.1989, p. 1.
[3] ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 24.
[4] ĠU L 182, tat-3.7.1987, p. 53.
[5] ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 26.
[6] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[7] ĠU L 151, tal-15.6.1990, p. 29.

Billi jiġi żgurat trattament ugwali tal-persuni kolla interessati fis-sejħiet għall-offerti fil-Komunità l-invita għall-offerta għandhom ikunu ppublikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u jkun permess perjodu adegwat bejn il-pubblikazzjoni u l-ewwel perjodu ta' limitu ta' żmien biex jintbagħtu l-offerti;

Billi proċedura ta' offerti tista titħaddem kif imiss biss jekk dawk ikkonċernati jibgħatu offerti bis-serjeta; billi dan jista' jiġi żgurat billi tintalab garanzija li tiġi rilaxxata malli jsir il-ħlas tal-prezz tal-bejgħ fil-limitu tal-oġġett speċifikat;

Billi, fil-każ ta' sejħa għall-offerti għall-esportazzjoni, għandu jiġi żgurat illi r-ross ma jerġgħax jitpoġġa lura fis-suq tal-Komunità, billi hemm riskju li dan jista' jiġri jekk il-prezz tal-bejgħ huwa anqas mill-prezz minimu li għandu jiġi osservat meta jerġgħa jinbiegħ fis-suq intern; billi għandha għaldaqstant issir dispożizzjoni f'każijiet bħal dawn li ssir garanzija għat-tieni darba li għandha tkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz ta' bejgħ u l-imsemmi prezz minimu; billi, konsegwentament, din il-garanzija tista tkun rilaxxata biss meta l-persuna li tkun rebħet l-offerta għall-esportazzjoni tagħti l-prova msemmija f'Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 tas-27 November 1987 li jistabilixxi regoli dettaljati komuni għall applikazzjoni tas-sistema ta' għoti ta' ħlas lura ta' esportazzjoni fuq prodotti agrikoli [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1615/80 [2];

Billi, biex jiġi żgurat illi jsir disponiment mill-ħażniet ta' intervent malajr u f'manjiera li tkun taqbel sa fejn hu possibbli mal-konswetudini kummerċjali, limitu ta' żmien għandu jkun impost għall-eżerċitar tad-drittijiet u twettieq ta' obbligi li joħorġu mill-għotja;

Billi għandu jkun hemm sistema ġenerali li tkopri l-proktura u l-kondizzjonijiet għall-bejgħ ta' ross li jkun fil-fosdqa bbażata mill-aġenziji ta' intervent; billi, għal raġunijiet ta' kjarezza, ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 471/67/KEE [3] għandu jiġi imħassar u mibdul;

Billi l-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv taċ-ċereali,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ross mixtri minn aġenziji ta' intervent skond Artikoli 5 u 6 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76 għandu jinbiegħ bl-offerta taħt il-kondizzjonijiet mniżżla fl-Artikoli li ġejjin.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, bejgħ b'offerta jfisser li l-bejgħ isir billi ssir sejħa għall għall-offerti, bil-kuntratt jingħata lill-persuna li toffri l-ogħla prezz u li jiġu osservati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

I IT-TITOLU

Disponiment fis-suq tal-komunità

Artikolu 2

1. Id-deċiżjoni biex tinħareġ sejħa għall-offerti għandha tittieħed skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika b'mod partikolari.

(a) il-kwantitajiet li ser jitpoġġew għall-offerti;

(b) id-data ta' għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti fil-każ ta' sejħa ndividwali għall-offerti u l-ewwel u l-aħħar dati ta' għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti fil-każ ta' sejħa permanenti għall-offerti.

2. Il-Paragrafu 1 m'għandux japplika għal sejħiet għall-offerti li jirrellataw għal kwantitajiet ta' anqas minn 1 000 tunnellata metrika.

Artikolu 3

1. L-Aġenziji ta' intervent għandhom iħejju avviżi tas-sejħa għall-offerti skond Artikolu 12(2) u għandhom jippublikawhom, b'mod partikolari billi jesponuhom fl-uffiċji prinċipali tagħhom. Fil-każ ta' sejħa permanenti għall-offerti huma għandhom jispeċifikaw fiha d-dati tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti bi tweġiba għal kull sejħa parzjali għall-offerti.

2. Avviżi ta' sejħiet għall-offerti għandhom jispeċifikaw il-kwantitajiet minimi li għalihom l-offerti jistgħu jirrellataw.

Artikolu 4

Is-sejħiet għall-offerti msemmija fl-Artikolu 2 jistgħu jkunu ristretti għal użi speċifiċi u/jew destinazzjonijiet speċifiċi.

Artikolu 5

1. Biex jerġgħu jinbiegħu ħlief kif imsemmi fil-paragrafu 3, l-offerti li jintgħażlu għandhom joffru prezz li tal-anqas ikun ugwali għall-prezz reġistrat, għal kwalità ekwivalenti u kwantità rappreżentattiva, fis-suq għall-post tal-ħażna jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-eqreb suq, waqt li jingħata kont tal-ispejjeż tat-trasport. Il-prezz ta' offerti m'għandu fl-ebda każ ikun aktar baxx mill-prezz ta' intervent msemmi f'Artikolu 5(2) tar- Regolament (KEE) Nru 1418/76, applikabbli fid-data tal-egħluq għas-sottomissjoni tal-offerti, aġġustati fejn xieraq biż-żidiet u t-tnaqqis imsemmija f'Annessi I, II u III li jinbsabu mar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 470/67/KEE [4].

[1] ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.
[2] ĠU L 152, tas-16.6.1990, p. 33.
[3] ĠU C 204, ta' l-24.8.1967, p. 12.
[4] ĠU Ċ 204, ta' l-24.8.1967, p. 8.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, il-prezz ta' intervent li tiegħu għandu jingħata kont matul it-12-il xahar tas-sena tas-suq għandu jkun dak fis-seħħ għall-11-il xahar miżjud biż-żieda fil-prezz ta' xahar.

3. Jekk, matul is-sena tas-suq, ikun hemm tfixkil fit-tħaddim tal-organizzazzjoni komuni tas-suq, b'mod partikolari minħabba d-diffikulta li r-ross jinbiegħ bi prezzijiet li jkunu jikkonformaw mal-paragrafu 1, jistgħu jiġu ffissati kondizzjonijiet speċjali għall-prezzijiet skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76.

II IT-TITOLU

Dispożizzjoni għall-esportazzjoni

Artikolu 6

1. Id-deċiżjoni li tinħareġ sejħa għall-offerti għandha tittieħed skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika b'mod partikolari:

(a) il-kwantitajiet li jitpoġġew għall-offerti;

(b) ir-reġjuni fejn il-kwantitajiet huma maħżuna;

(ċ) id-data tal-għeluq għas-sottomissoni tal-offerti fil-każ ta' sejħiet individwali għall-offerti u l-ewwel dati u d-dati ta' għeluq finali fil-każ ta' sejħiet permanenti għall-offerti.

2. Fl-avviż tas-sejħa msemmija f'Artikolu 12(2) l-aġenzija li tagħmel is-sejħa għandha tispeċifika għal kull lott il-port jew il-punt ta' ħruġ li għalihom l-ispejjeż tat-trasport ikunu l-anqas li għandhom faċilitajiet tekniċi adegwati għall-esportazzjoni tar-ross.

L-ispejjeż tat-trasport l-aktar baxxi bejn il-post ta' ħażna u l-post tat-tagħbija fil-port jew fil-punt tal-ħruġ riferit hawn fuq għandhom jingħataw lura lill-persuna li tkun rebħet l-offerti mil-aġenzija ta' intervent għal kwantitajiet esportati.

3. Fil-każ ta' sejħiet permanenti għall-offerti, l-aġenzija ta' intervent għandha tiffissa d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offeti bi tweġiba għal kull sejħa parzjali.

Artikolu 7

1. Offerti:

(a) jistgħu jkunu rifjutati jekk ikunu jirellataw għal-lottijiet ta' anqas minn 200 tunnellata metrika;

(b) jistgħu jistipulaw li huma validi biss għal kwantitajiet speċifikati;

(ċ) għandhom ikunu kkunsidrati bħalha li mibgħuta għal ross imwassal lil, iżda mhux maħtut, f'port jew punt ta' ħruġ ieħor kif imsemmi f'Artikolu 6(2).

2. L-Offerti mgħandhomx ikunu validi sakemm ma jkunux akkumpanjati minn applikazzjoni għal liċenza ta' esportazzjoni flimkien ma' applikazzjoni għall-iffissar bil-quddiem tal-ħlas lura ta' esportazzjoni jew imposti għad-destinazzjoni relevanti. Il-pajjiżi kollha li għalihom japplika l-istess livell ta' ħlas lura jew imposta għandhom ikunu konsidrati bħala destinazzjoni waħda.

Artikolu 8

Minkejja Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, il-liċenzi ta' esportazzjoni maħruġa skond dan ir-Regolament għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-perjodu tagħhom ta' validita, bħala li jkunu nħarġu fid-data ta' għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti.

Artikolu 9

Malli jskadi kull limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-offerti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'lista tal-offerti, mingħajr l-ismijiet, f'kull każ juru b'mod partikolari l-kwantità u l-prezz. Il-Kummissjoni, waqt li taġixxi skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76, għandha tiffissa l-prezz minimu tal-bejgħ minimu jew għandha tiddeċiedi li tirrifjuta l-offerti li tkun rċeviet.

Artikolu 10

Fejn l-applikazzjoni għall-liċenza ta' esportazzjoni magħmula mill-persuna li tirbaħ l-offerta skond Artikolu 7(2) tintbagħat skond Artikolu 44 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, l-aġenzija ta' intervent għandha tħassar il-kuntratt fir-rigward tal-kwantitajiet li għalihom, kif imsemmi f'dak l-Artikolu, ma tkun inħarġet ebda liċenza.

III IT-TITOLU

Disponiment fis-suq tal-Komunità għall-esportazzjoni bħala ross minbarra ross li li jkun fil-fosdqa

Artikolu 11

Id-Deċiżjonijiet biex tinħareġ sejħa għall-offerti għall-esportazzjoni ta' ross minbarra ross li jkun fil-fosdqa għandha tittieħed skond il-proċedura mniżżla f'Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika b'mod partikolari:

(a) il-kwantitajiet ta' ross fil-fosdqa li għandu jitpoġġa għall-offerti;

(b) id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti fil-każ ta' sejħiet individwali għall-offerti u l-ewwel u l-aħħar dati tal-egħluq għas-sottomissjoni tal-offerti fil-każ ta' sejħa permanenti għall-offerti;

(ċ) il-Kodiċi NM tal-prodotti li ser ikunu esportati u l-kwantità li tkunu esportata għal kull tunnellata metrika ta' ross li jkun fil-fosdqa;

(d) fejn japplika, iż-żona(i) ta' destinazzjoni tal-esportazzjoni;

(e) il-prezz minimu ta' bejgħ li għandu jiġi osservat;

(f) il-ħtiġijiet li għandhom x'jaqsmu mas-sottomissjoni tal-offerti, b'mod partikolari dwar it-tqegħid tal-garanzija.

IV IT-TITOLU

Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 12

1. Deċiżjoni kif imsemmija f'Artikoli 2, 6 u 11 għandha tkun notifikata permezz ta' pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun hemm qabża tal-inqas ta' għaxart ijiem bejn il-pubblikazzjoni u l-ewwel data ta' għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti.

2. L-Aġenziji ta' intervent għandhom jippublikaw tal-inqas tmint ijiem qabel l-imsemmija data tal-għeluq avviż ta' sejħa għall-offerti li tispeċifika:

— kwalunkwe kondizzjoni addizjonali ta' bejgħ b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament,

— il-karatteristiċi prinċipali tekniċi tal-lottijiet varji kif osservati max-xiri mill-aġenzija ta' intervent jew inspezzjoni sussegwenti,

— il-postijiet ta' ħażna u l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li jaħżnuhom.

L-avviż u kull emenda għalih għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni qabel il-pubblikazzjoni.

Artikolu 13

1. F'każijiet ta' disponiment fis-suq tal-Komunità, l-offerti għandhom isiru fit-termini tan-normi ta' kwalità kif definiti fir-Regolament (KEE) Nru 1423/76.

Fejn il-kwalità ta' ross hija differenti minn dik normali, ir-ross il-prezz tal-offerta rebbieħa għandu jiġi aġġustat b'żidiet jew tnaqqis stabbiliti skond Artikolu 5(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1418/76.

2. F'każ ta' disponiment għall-esportazzjoni taħt it-Titoli II u III

— l-offerti għandhom isiru f'termini tal-kwalità attwali tal-lott li għalih tirrelata l-offerta,

— jistgħu jsiru dispożizzjonijiet għall inammissibilità tal-offerti mibgħuta skond Artikolu 44 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88.

3. Ġaladarba jkunu ntbagħtu l-offerti, la jistgħu jkunu emendati u lanqas irtirati.

4. L-offerti għandhom ikunu validi biss jekk huma akkompanjati b'evidenza illi l-offerti jkunu għamlu garanzija ta' ECU 15 kull tunnellata metrika.

Artikolu 14

F'każijiet ta' disponiment għall-esportazzjoni taħt it-Titoli II u III il-prezz minimu tal-bejgħ kif imsemmi f'Artikoli 9 u 11 għandu jitpoġġa f'livell li ma jfixkilx esportazzjonijiet oħra.

Dan ma jistgħax ikun aġġustat għal raġunijiet ta' kwalità.

Artikolu 15

L-aġenziji ta' intervent għandhom jieħu kull azzjoni meħtieġa biex jippermettu lill-partijiet interessati li jistmaw il-kwalita' tar-ross impoġġi għall-bejgħ qabel ma jibagħtu l-offerti tagħhom.

Artikolu 16

Aġenziji ta' intervent għandhom javżaw minnufih lill-persuni li jkunu bagħtu l-offerti bir-riżultat tal-offerti tagħhom u fi żmien tlett ijiem wara dan ser jibgħatu prospett tal-għoti tal-kuntratt lill-persuni li jkunu rebħu l-offerti, b'ittra reġistrata jew b'telekomunikazzjoni bil-miktub.

Artikolu 17

Il-persuna li tirbaħ l-offerta għandha tħallas għar-ross qabel ma dan jitneħħa u mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha il-prospett indikat f'Artikolu 16 jintbagħat. Hu għandu jġorr kull riskju u l-ispiża tal-ħażna fir-rigward ta' ross li ma tneħħiex fil-limitu ta' perjodu tal-ħlas.

Ross li jingħata u li ma jitneħħiex fil-limitu ta' żmien għal-ħlas ser jitqies, għal kull skop, li jkun ħalla l-maħżen malli jiskadi dak il-limitu ta' żmien. F'każijiet bħal dawn, jekk il-bejgħ ikun lis-suq tal-Komunità, il-prezz tal-offerti għandu jkun aġġustat skond il-karatteristiċi tal-kwalità speċifikati fl-avviż tas-sejħa għall-offerti.

Jekk ir-ross jitneħħa wara l-limitu ta' żmien għall-ħlas il-persuna li tkun rebħet l-offerta għandha tħallas l-ispejjeż tat-tneħħija.

Jekk il-bejgħ ikun għall-esportazzjoni, il-prezz li għandu jitħallas għandu jkun dak muri fl-offerta miżjud b'ammont kull xahar jekk ir-ross jitneħħa matul ix-xahar li jiġi wara dak li fih ikun ingħata l-kuntratt.

Jekk il-prezz imħallas ikun anqas mill-minimu applikabbli taħt Artikolu 5(1) u (2) għad-disponiment fis-suq tal-Komunità ir-ross ma jistgħax jitneħħa sakemm ma ssirx garanzija li tkun tkopri d-differenza bejn iż-żewġ prezzijiet.

Jekk ir-ross ma jitħallasx fil-limitu ta' żmien speċifikat fl-ewwel sub-paragrafu l-aġenzija ta' intervent għandha tikkanċella l-kuntratt fir-rigward tal-kwantitajiet mhux imħallsa.

Artikolu 18

1. Il-garanziji msemmija f'dan ir-Regolament għandhom isiru skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu III tar- Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [1].

[1] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.

2. Il-garanzija msemmija f'Artikolu 13(4) għandha tiġi rilaxxata fir-rigward tal-kwantitajiet li għalihom:

— ma jingħara ebda kuntratt,

— il-prezz ta' bejgħ kien fl-ambitu tal-perjodu speċifikat u, f'każijiet ta' bejgħ għall-esportazzjoni taħt it-Titolu II jew III, tkun saret il-garanzija msemmija fil-ħames paragrafu ta' Artikolu 17.

3. Il-garanzija msemmija fil-ħames paragrafu ta' Artikolu 17 għandha tiġi rilaxxata fir-rigward ta' kwantitajiet li għalihom:

— tkun ingħatat prova illi l-oġġetti jkunu saru mhux adattati għall-konsum uman jew mill-annimali,

— il-prova msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 tkun ingħatat,

— skond Artikolu 44 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 il-liċenza ma tinħariġx,

— il-kuntratt ikun ġie kkanċelat taħt is-sitt paragrafu ta' Artikolu 17.

4. Il-garanzija msemmija f'Artikolu 13(4) għandha tintilef fir-rigward ta' kwantitajiet li:

— il-garanzija msemmija fit-tieni subparagrafu ta' Artikolu 44(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 tkun intilfet,

— salv f'każijiet ta' forza maġġuri, il-ħlas ma jsirx fil-limitu ta' żmien speċifikat f'Artikolu 17.

5. Salv f'każijiet ta' forza maġġuri, il-garanzija msemmija fil-ħames paragrafu ta' Artikolu 17 għandha tintilef fir-rigward ta' kwantitajiet li għalihom il-prova msemmija f'Artikolu 18 tar-Regolament (KEE) Nru 3665/87 ma tkunx ingħatat fil-limitu ta' żmien speċifikat f'Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 19

L-Istati Membri kkonċernati għandhom iżommu lill-Kummissjoni nfurmata bil-progress tas-sejħiet għall-offerti, b'mod partikolari bil-prezzijiet tal-bejgħ tal-lottijiet differenti u l-kwantitajiet mibjugħa. L-informazzjoni għandha tasal għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn sebat ijiem wara d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti bi tweġiba għal kull sejħa għall-offerta.

Artikolu 20

Ir-Regolament Nru 471/67/KEE qiegħed b'dan jiġi mħassar.

Artikolu 21

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 1991.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Jannar 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni